**A.L. 66 tal-2017**

## KOSTITUZZJONI TA' MALTA

## Regolamenti tal-2017 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

TAQSIM TAR-REGOLAMENTI


| | | Regolamenti |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1 - 2 |
| Taqsima II | Dispożizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw Proċedimenti Dixxiplinari | 3 - 9 |
| Taqsima III | Miżuri Temporanji waqt li Proċedimenti Dixxiplinari jew Kriminali jkunu pendenti | 10 - 12 |
| Taqsima IV | Reati Kriminali | 13 - 15 |
| Taqsima V | Proċedimenti Dixxiplinari taħt Delega ta' Awtorità | 16 - 24 |
| Taqsima VI | Proċedimenti Dixxiplinari meta ma jkunux ġew delegati s-Setgħat ta' Dixxiplina | 25 |
| Taqsima VII | Reati u Pieni | 26 |
| Taqsima VIII | Appelli minn Deċiżjonijiet Dixxiplinari u Reviżjoni ta' Rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mill-Kummissjoni | 27 - 30 |
| Taqsima IX | Tneħħija mill-Kariga | 31 - 32 |
| Taqsima X | Mixxellanji | 33 - 39 |

Skeda ta' Reati u Pieni

A.L. 66 tal-2017

## KOSTITUZZJONI TA' MALTA

## Regolamenti tal-2017 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

### Taqsima I - Preliminari

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu ir-Regolamenti tal-2017 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2017.

Tifsir.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Avukat Ġenerali" tfisser l-Avukat Ġenerali maħtur taħt l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni, jew uffiċjal legali awtorizzat minnu;

"il-Bord" tfisser Bord ta' Dixxiplina maħtur kif previst fir-regolament 18(3);

"dikjarazzjoni bl-akkuża" tfisser dikjarazzjoni bil-miktub li permezz tagħha uffiċjal pubbliku jiġi akkużat b'reat jew reati ta' dixxiplina skont ir-regolament 17(1);

"dipartiment" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, tinkludi wkoll - Kap. 497.

(a) ministeru; u

(b) aġenzija, entità tal-gvern, jew kull entità pubblika oħra li għaliha jista' jiġi assenjat uffiċjal pubbliku;

"entità tal-gvern" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"imġiba ħażina" tfisser kondotta inaċċettabbli li tikkomprendi, iżda mhijiex limitata għal, ksur tad-dixxiplina, aġir li jġib diżunur lis-servizz pubbliku, inkluż nuqqas li wieħed josserva l-liġijiet, regoli, regolamenti jew kodiċijiet li jirregolaw is-servizz pubbliku;

"Kap ta' Dipartiment" tfisser il-kap ta' xi dipartiment tal-Gvern elenkat fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, imma għall-fini ta' dawn ir-regolamenti tinkludi wkoll: Kap. 497.

(a) Segretarji Permanenti u Diretturi Ġenerali u Diretturi li m'humiex Kapijiet ta' Dipartiment:

(b) kull uffiċjal pubbliku ieħor jew awtorità oħra, li ma jkunux Kap ta' Dipartiment, li lilhom tkun ġiet delegata s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;

"Kap tas-Servizz Pubbliku" tfisser l-uffiċjal pubbliku li jkollu l-kariga jew li jaġixxi bħala Segretarju Permanenti Ewlieni kif hemm fl-artikolu 14 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"il-Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta li saret liġi bl-Ordni tal-1964 dwar l-Indipendenza ta' Malta, kif sussegwentement emendata;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif magħmula taħt l-artikolu 109 tal-Kostituzzjoni;

"ministeru" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"*Panel* Dixxiplinarju Permanenti" tfisser *panel* imwaqqaf kif hemm fir-regolament 18(1);

"ir-Regolamenti tal-1977" tfisser ir-Regolamenti tal-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina);

"ir-Regolamenti tal-1999" tfisser ir-Regolamenti tal-1999 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:

"salarju" tfisser is-salarju bażiku;

"Segretarju Eżekuttiv" tfisser is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:

"Segretarju Permanenti" tfisser uffiċjal pubbliku maħtur bħala Segretarju Permanenti kif hemm fl-artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni;

"servizz pubbliku" jew "servizz" tfisser is-servizz pubbliku kif

imfisser fl-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni;

"sospensjoni definittiva" tfisser sospensjoni mingħajr paga bħala piena wara proċeduri ta' dixxiplina, u "jissospendi għal perjodu definittiv" għandha tiftiehem hekk;

"sospensjoni sommarja" tfisser sospensjoni mingħajr paga minn Kap ta' Dipartiment bħala miżura għal xi żmien kif hemm fir-regolament 10(1), u "jissospendi sommarjament" għandha tiftiehem hekk;

"sospensjoni ta' prekawzjoni" tfisser sospensjoni fl-interess pubbliku kif hemm fir-regolament 12 sakemm jintemmu l-proċeduri dixxiplinarji jew kriminali, u "jissospendi għal finijiet ta' prekawzjoni" għandha tiftiehem hekk;

"uffiċjal pubbliku" jew "uffiċjal" tfisser uffiċjal pubbliku kif imfisser fl-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni;

"Żona Schengen" tfisser l-istati li huma parti mill-Ftehim tax-Schengen kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni.

L.S. 217.04.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kull referenza għal detentur ta' kariga partikolari għandha tinkludi kull persuna li teżerċita l-funzjonijiet ta' dik il-kariga matul kull perjodu li fih dik il-kariga tkun vakanti jew id-detentur tagħha jkun assenti.

## Taqsima II -Dispożizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw Proċedimenti Dixxiplinari

Setgħat tal-Kummissjoni.

**3.** (1) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha żżomm lill-Kummissjoni, bil-kunsens tal-Prim Ministru, milli toħroġ direttivi u linji gwida lil awtoritajiet delegati dwar l-interpretazzjoni u t-tħaddim ta' dawn ir-regolamenti u t-twettiq ta' kull funzjoni mogħtija lilhom b'dawn ir-regolamenti jew taħthom jew delegata lilhom taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

(2) Strument ta' delega maħruġ taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jista' jipprovdi għal piena li ma għandhiex tkun aktar minn sospensjoni ta' ħmistax-il ġurnata (15) tax-xogħol mingħajr paga u twissija ta' tkeċċija.

(3) Minkejja kull ħaġa oħra f'dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tieħu jew li żżomm milli tieħu dik l-azzjoni li tista' tqis li tkun xierqa li tieħu jew li ma tiħux fiċ-ċirkostanzi, u kull talba jew direttiva mill-Kummissjoni, jekk

jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi partikolari, lil xi uffiċjal pubbliku, bord jew awtorità oħra, minbarra lill-Prim Ministru, li jkunu qegħdin iwettqu funzjonijiet skont dawn ir-regolamenti jew xort'oħra taħt l-awtorità tal-Kummissjoni jew f'isem il-Kummissjoni, għandhom jiġu osservati minn dak l-uffiċjal pubbliku, bord jew awtorità.

(4) Il-Kummissjoni tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tistħarreġ dwar it-twettieq ta' kontroll dixxiplinarju minn Kap ta' Dipartiment.

(5) Meta l-Kummissjoni tqis li Kap ta' Dipartiment ikun abbuża jew uża ħażin l-awtorità lilu delegata jew li jkun naqas milli jeżerċita sew kontroll dixxiplinarju xieraq fil-qasam ta' ġuriżdizzjoni tiegħu, hija tirrakkomanda lill-Prim Ministru li l-istrument ta' delega fir-rigward ta' dak il-Kap ta' Dipartiment jiġi rtirat parzjalment jew kompletament u, meta jkun hekk xieraq, li tittieħed azzjoni dixxiplinarja skont dawn ir-regolamenti.

(6) Meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta li uffiċjal pubbliku, bord jew awtorità oħra, minbarra l-Prim Ministru, li jkun qed iwettaq funzjonijiet skont dawn ir-regolamenti jkun -

(a) naqas milli josserva xi struzzjoni magħmula jew direttiva mogħtija mill-Kummissjoni skont dawn ir-regolamenti, jew

(b) naqas milli josserva dawn ir-regolamenti jew naqas li jwettaq b'mod sodisfaċenti l-funzjonijiet minnu meħtieġa skont dawn ir-regolamenti,

il-Kummissjoni tista' tirrapporta l-każ lill-Prim Ministru bir-rakkomandazzjoni li tittieħed azzjoni skont dawn ir-regolamenti kontra l-uffiċjal, bord jew awtorità oħra u l-Kummissjoni tista' wkoll tieħu azzjoni direttament skont it-tieni proviso għar-regolament 18(2) biex xi membru jitneħħa minn *Panel* Dixxiplinarju Permanenti.

Imġiba uffiċjali li twassal għal proċedimenti dixxiplinarji

4. (1) Għandhom jinbdew proċedimenti dixxiplinarji skont dawn ir-regolamenti kontra uffiċjal għal imġiba li tinkludi:

(a) mġiba li mhijiex professjonali u lanqas etika;

(b) mġiba li ġġib disrispett lejn kollegi, uffiċjali superjuri jew membri tal-pubbliku; u

(ċ) negliġenza jew traskuraġni fit-twettieq ta' dmirijiet.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, għandhom jinbdew proċedimenti dixxiplinarji skont dawn ir-regolamenti għal kull reat elenkat fl-Iskeda ta' Reati u Pieni.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx iwaqqfu l-applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Taqsima II tal-Att dwar il-Pulizija u tal-Att dwar il-Ħabs, fir-rigward ta' azzjoni dixxiplinarja li tittieħed mill-Kummissarju tal-Pulizija, taħt awtorità delegata, kontra uffiċjali tal-pulizija.

Reati għandhom jiġu rapportati mingħajr dewmien.

5. (1) Uffiċjal għandu jirrapporta lill-Kap ta' Dipartiment, b'kull mezz xieraq, kull kondotta ħażina li ssir minn uffiċjal li jkun taħt ir-responsabbiltà tiegħu sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li jsir jaf bir-reat.

(2) Nuqqas minn uffiċjal li jaġixxi skont is-subregolament (1) m'għandux jinvalida proċedimenti dixxiplinari meħuda minn awtoritajiet ogħla għal dik il-kondotta ħażina.

(3) Uffiċjal li kontrih ikun twettaq reat taħt dawn ir-regolamenti (il-vittma) jkollu l-jedd li jagħmel ilment formali bil-miktub lill-Kap ta' Dipartiment tal-uffiċjal li jkun allegatament ikkommetta r-reat (il-persuna li tkun wettqet ir-reat) mhux iżjed tard minn sitt (6) xhur mid-data meta jkun sar l-allegat reat. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jiddeċiedi jekk għandux jibda proċedimenti dixxiplinari jew le kontra l-uffiċjal li kontrih ikun sar l-ilment skont dawn ir-regolamenti, wara li jkun għamel investigazzjoni preliminari li għandha tkun konkluża mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn meta l-Kap ta' Dipartiment jirċievi l-ilment bil-miktub.

Drittijiet ta' uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi dixxiplinarji.

6. (1) Uffiċjal li jkun qed jiġi akkużat b'reat dixxiplinari skont dawn ir-regolamenti:

(a) għandu jkollu aċċess għal kull prova dokumentarja li ser tintuża kontrih, u għandu jingħata għaxart (10) ijiem sabiex jikkonsidra dik il-prova u jagħti risposta dwarha; u

(b) għandu jkollu opportunità adegwata li jressaq id-difiża tiegħu.

(2) Kull prova dokumentarja li tinġieb wara li jibda s-smigħ tal-każ m'għandhiex tintuża kontra l-uffiċjal kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx ġie qabel ipprovdut b'kopja tagħha jew ingħata l-faċilità li jaraha u ġie mogħti mhux aktar minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol biex jikkonsidra l-provi addizzjonali u jagħti risposta dwarhom.

(3) Uffiċjal li jkun qed iwieġeb l-akkużi dixxiplinarji jkollu l-jedd għall-assistenza ta' persuna jew persuni li jagħżel huwa fit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-każ tiegħu u f'kull stadju tas-smigħ fis-seduti quddiem Bord ta' Dixxiplina jew quddiem il-Kummissjoni inkluż kull smigħ fl-appell.

(4) Uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi dixxiplinarji jkollu l-jedd, kemm jista' jkun malajr, li jsir jaf bid-deċiżjoni dwar kull rapport jew akkuża u l-piena, jekk ikun il-każ, li tkun ġiet imposta fuqu mill-Kap ta' Dipartiment jew mill-Kummissjoni. Dan kollu għandu jiġi komunikat bil-miktub mill-Kap ta' Dipartiment jew mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, skont il-każ.

(5) Meta uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi dixxiplinarji jkollu l-jedd taħt dawn ir-regolamenti li jkun avżat dwar xi kwistjoni jew li jingħata xi informazzjoni, dak il-jedd għandu, kemm-il darba dawn ir-regolamenti ma jippreskrivux mod ieħor, jitqies li jkun inżamm jekk in-notifika tkun waslet fl-indirizz rappurtat l-iżjed riċenti mill-uffiċjal lid-dipartiment tiegħu bħala l-indirizz tad-dar tiegħu, u jekk tingħata prova tal-kunsinna.

(6) Xejn minn dak imsemmi f'dan ir-regolament m'għandu jittieħed bħala li jipprekludi t-twettiq tal-jedd imsemmi permezz tal-kunsinna tan-notifika jew tal-informazzjoni direttament lill-uffiċjal li jkun qed iwieġeb għal akkużi, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, inklużi mezzi elettroniċi, sakemm tkun inżammet prova ta' dik il-kunsinna.

7. Kap ta' Dipartiment li jakkuża lil xi uffiċjal b'imġiba ħażina taħt dawn ir-regolamenti jista' jkun preżenti u jkollu l-jedd ukoll li jagħżel lil min irid sabiex jidher għalih, f'kull stadju tas-smigħ f'seduti quddiem Bord ta' Dixxiplina jew quddiem il-Kummissjoni, inkluż f'kull smigħ fl-appell. Rappreżentanti dipartimentali f'seduti dixxiplinari, eċċ.

8. (1) Kull meta l-uffiċjal pubbliku li kontra tiegħu jkunu ser jittieħdu proċedimenti dixxiplinarji jkun Kap ta' Dipartiment, jew uffiċjal pubbliku anzjan ieħor li lilu jkunu ġew delegati s-setgħat biex jeżerċita azzjoni dixxiplinarja, il-Kap tas-Servizz Pubbliku għandu jieħu dik l-azzjoni li l-Kap ta' Dipartiment għandu s-setgħa li jieħu skont dawn ir-regolamenti, jew jiddelega dik is-setgħa lil Segretarju Permanenti. Proċedimenti mill-Kap tas-Servizz Pubbliku u mis-Segretarji Permanenti.

(2) Meta Kap ta' Dipartiment iqis li jkun hemm raġunijiet jew ċirkostanzi li ġustament juru li mhux xieraq li hu jinvolvi ruħu f'azzjoni dixxiplinarja kontra xi uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, il-Kap ta' Dipartiment għandu jikkonsulta mas-Segretarju Permanenti tal-ministeru rispettiv li jista', min-naħa tiegħu, jieħu dik l-istess azzjoni li Kap ta' Dipartiment għandu s-setgħa li jieħu skont dawn ir-regolamenti:

Iżda fejn il-Kap ta' Dipartiment hu s-Segretarju Permanenti, hu għandu jikkonsulta mal-Kap tas-Servizz Pubbliku li, min-naħa tiegħu, jista' jieħu dik l-istess azzjoni li għandu s-setgħa li jieħu Kap ta' Dipartiment, jew jiddelega dik is-setgħa lil Segretarju

Permanenti ieħor.

Proċedimenti kontra uffiċjal pubbliku li ma jkunx qed iservi f'dipartiment tal-Gvern.

9. Kull meta l-uffiċjal pubbliku li kontra tiegħu jkunu ser jittieħdu proċedimenti dixxiplinari jkun qed iservi f'uffiċċju jew stabbiliment li ma jagħmilx parti minn xi dipartiment tal-Gvern, is-Segretarju Permanenti li josservelja dak l-istabbiliment għandu jieħu dik l-istess azzjoni bħalma Kap ta' Dipartiment għandu s-setgħa li jieħu skont dawn ir-regolamenti:

Iżda l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega dik is-setgħa lil xi uffiċjal anzjan ta' dak l-uffiċċju jew stabbiliment taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-istrument tad-delega.

**Taqsima III - Miżuri Temporanji waqt li Proċedimenti Dixxiplinari jew Kriminali jkunu pendenti**

Sospensjoni sommarja.

**10.** (1) Kull meta Kap ta' Dipartiment iqis li jeħtieġ li uffiċjal taħt ir-responsabbiltà tiegħu għandu jiġi sommarjament sospiż minħabba allegata mġiba ħażina jew għax ma jkunx obda ordnijiet leġittimi, sew miktuba kif ukoll verbali, huwa jista' sommarjament jissospendi lill-uffiċjal għal perjodu ta' mhux aktar minn tmint (8) ijiem tax-xogħol.

(2) Uffiċjal sommarjament sospiż skont dan ir-regolament ikollu s-salarju miżmum tul il-perjodu ta' sospensjoni, bla ħsara għas-subregolamenti (3) u (4).

(3) Uffiċjal sommarjament sospiż ikollu l-jedd jerġa' jidħol lura għax-xogħol minnufih hekk kif jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni sommarja skont is-subregolament (1), u jekk il-Kap ta' Dipartiment jonqos milli jibda proċedimenti dixxiplinari kontra l-uffiċjal skont ir-regolamenti 17 jew 25, l-uffiċjal għandu jirċievi l-ammont sħiħ ta' salarju li jkun inżammlu matul il-perjodu ta' sospensjoni sommarja. Dik is-sospensjoni sommarja m'għandha b'ebda mod tiġi reġistrata fir-*record* ta' servizz ta' dak l-uffiċjal.

(4) Meta tkun ittieħdet azzjoni dixxiplinarja kontra uffiċjal sommarjament sospiż skont dawn ir-regolamenti u dak l-uffiċjal sussegwentement jinstab ħati tal-akkuża, għandu jitqies il-perjodu ta' sospensjoni sommarja meta tkun qegħda tiġi deċiża l-piena li għandha tingħata u għandhom isiru aġġustamenti fis-salarju tiegħu, kif u fejn ikun xieraq. Iżda meta uffiċjal ma jinstabx ħati, huwa għandu jirċievi l-ammont sħiħ ta' salarju miżmum matul il-perjodu ta' sospensjoni sommarja.

**11.** (1) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu - *Vacation leave impost.*

(a) qed jiġi investigat jew ikun ġie arrestat mill-pulizija b'konnessjoni ma' investigazzjoni kriminali; jew

(b) qed jiġi investigat b'konnessjoni ma' investigazzjoni dwar reat dixxiplinari,

il-Kap ta' Dipartiment jista' jordna lill-uffiċjal sabiex jagħmel użu mill-*vacation leave* għal perjodu wieħed ta' mhux iżjed minn mitt (100) siegħa, u l-uffiċjal għandu jikkonforma ruħu ma' din l-ordni.

(2) Il-*vacation leave* tal-uffiċjal għal dik is-sena, għandu jiżdied bl-ekwivalenti tal-*leave* meħud skont is-subregolament (1) jekk:

(a) l-investigazzjoni mwettqa mill-pulizija ma tirriżultax fit-tressiq tal-uffiċjal pubbliku kkonċernat quddiem il-Qorti; jew

(b) l-investigazzjoni mwettqa mill-Kap ta' Dipartiment ma tirriżultax fit-teħid ta' azzjoni dixxiplinarja; jew

(ċ) l-uffiċjal pubbliku ma jinstabx ħati tal-akkużi kontrih, la dawk kriminali u lanqas dawk dixxiplinari.

**12.** (1) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu - **Sospensjoni temporanja.**

(a) jista' jkun ikkommetta reat dixxiplinari serju; jew

(b) hi meħtieġa aktar investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk hux il-każ li jinbdew proċedimenti dixxiplinari jew kriminali; jew

(ċ) ser jinġieb quddiem il-qorti jew qed jiġi investigat jew ġie arrestat mill-pulizija b'konnessjoni ma' reat kriminali,

u l-Kap ta' Dipartiment jidhirlu li hu meħtieġ u li jkun fl-interess pubbliku li l-uffiċjal jiġi sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, huwa għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni għas-sospensjoni prekawzjonarja tal-uffiċjal, filwaqt li jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni li jkun ħa.

(2) Il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment u għandha tirrakkomanda lill-Prim Ministru jekk l-

uffiċjal għandux jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji jew le.

(3) Il-Kap ta' Dipartiment jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, għal għanijiet prekawzjonarji, sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

(4) Fil-każ li t-talba għas-sospensjoni ma tiġix awtorizzata mill-Kummissjoni, l-uffiċjal sospiż għandu minnufih jerġa' jissejjaħ lura għax-xogħol u għandu jingħata lura dak is-salarju li jkun inżamm matul il-perjodu tas-sospensjoni prekawzjonarja.

(5) Uffiċjal pubbliku li jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu kemm-il darba l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kap tas-Servizz Pubbliku, ma tapprovax li huwa jirċievi proporzjon ogħla tas-salarju.

(6) Jekk il-proċedimenti dixxiplinari jew kriminali ma jwasslux għat-tkeċċija tal-uffiċjal, jew għal kwalunkwe piena oħra, l-uffiċjal ikollu l-jedd għall-ammont sħiħ ta' salarju li mod ieħor kien jirċievi li kieku ma kienx ġie sospiż għal għanijiet prekawzjonarji. Jekk il-kastig ikun xort'oħra, u mhux tkeċċija, huwa jista' jingħata lura dak il-proporzjon mis-salarju li jkun inżamm bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu kif rakkomandat mill-Kummissjoni. Jekk il-kastig ikun tkeċċija, l-uffiċjal għandu jitlef is-salarju li jkun inżamm minħabba fis-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu.

(7) Jekk uffiċjal li kontra tiegħu tkun inbdiet u tkun pendenti azzjoni dixxiplinarja jew kriminali, jieqaf mis-servizz qabel ma dik l-azzjoni tintemm, kull salarju li jkun ġie miżmum bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu m'għandux jingħatalu lura kemm-il darba ma jiġix liberat mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Jekk l-uffiċjal imut waqt li l-proċedimenti jkunu għadhom pendenti, kull salarju li jinżamm bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu għandu jingħata lura lill-eredi tiegħu:

Iżda meta uffiċjal li kellu s-salarju tiegħu miżmum bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu jieqaf mis-servizz qabel ma jinħarġu l-akkużi dixxiplinarji jew kriminali, allura l-uffiċjal għandu jingħata lura s-salarju li kien inżamm milli jingħatalu matul il-perjodu tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu.

(8) Uffiċjal li jkun ġie sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni ma jkunx jista' jidħol f'xi fond uffiċjali indikat mill-Kap ta' Dipartiment, u m'għandux ineħħi, jeqred jew iżid ma', jew jikkaġuna li jitneħħa, jinqered jew jinbidel, xi dokument uffiċjali, strument jew

ħaġ'oħra.

(9) Uffiċjal li jkun ġie sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni skont is-subregolament (1)(ċ) għandu jitlob il-permess tal-Kap ta' Dipartiment jekk huwa jkun irid jivjaġġa lejn pajjiż 'il barra miż-żona Schengen. Qabel ma jagħti dak il-permess il-Kap ta' Dipartiment għandu jikkonsulta lill-Kummissarju tal-Pulizija. Kull uffiċjal bħal dan li jitlaq minn Malta mingħajr il-permess mitlub ikun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja kontrih, u dik l-azzjoni tista' twassal għat-tkeċċija tiegħu.

(11) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (5), (6) u (7), jekk uffiċjal ikun qiegħed fil-ħabs taħt kustodja preventiva jew ikun qiegħed jiskonta sentenza tal-Qorti, ebda salarju ma jkun dovut matul dak il-perjodu li jkun qiegħed fil-ħabs sew jekk dak l-uffiċjal wara jinstab ħati tar-reat li jkun ġie akkużat bih, sew jekk le.

### Taqsima IV - Reati Kriminali

**13.** (1) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li reat li allegatament twettaq minn uffiċjal pubbliku taħt ir-responsabbiltà tiegħu jista' jkun ta' natura kriminali, hu għandu jikkonsulta lill-Avukat Ġenerali dwar jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni jew, jekk dan tal-aħħar ma jagħtix parir dwar prosekuzzjoni, dwar jekk għandhiex tittieħed azzjoni dixxiplinarja skont dawn ir-regolamenti. Fil-każ tal-aħħar, l-akkużi li jkunu ser jinġiebu kontra l-uffiċjal għandhom jiġu approvati mill-Avukat Ġenerali qabel ma l-uffiċjal ikun meħtieġ iwieġeb għalihom jew qabel ma jinbdew il-proċedimenti dixxiplinari. Kap ta' Dipartimenti għandu jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali jekk għandhiex issir prosekuzzjoni jew tittieħed azzjoni dixxiplinarja.

(2) F'każ li jinbdew proċedimenti kriminali kontra uffiċjal pubbliku f'xi qorti, l-uffiċjal għandu javża lill-Kap ta' Dipartiment tiegħu fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol minn jum wara l-bidu ta' dawk il-proċedimenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu wkoll jirrapporta lill-Kap ta' Dipartiment li l-proċedimenti kriminali jkunu qegħdin jinbdew kontra l-imsemmi uffiċjal pubbliku:

Iżda la l-uffiċjal u lanqas il-Kummissarju tal-Pulizija m'għandu jkun obbligat li javża lil Kap ta' Dipartiment dwar proċedimenti kriminali mibdija biss f'konnessjoni ma' kontravvenzjoni, ħlief jekk dik il-kontravvenzjoni hija allegata li seħħet fuq il-post tax-xogħol tal-uffiċjal jew ikollha x'taqsam mar-responsabbiltajiet tiegħu.

(3) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu ser jitressaq il-qorti jew qed jiġi investigat jew ġie arrestat mill-pulizija f'konnessjoni ma' reat kriminali li hu ta'

natura li x'aktarx twassal għal azzjoni dixxiplinarja, hu għandu minnufih jirrapporta l-fatti lill-Kummissjoni b'rakkomandazzjoni, bir-raġunijiet għaliha, jekk l-uffiċjal għandux jiġi sospiż jew le għal għanijiet prekawzjonarji mill-eżerċizzju tas-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu. Ma għandhom jittieħdu l-ebda proċedimenti dixxiplinari kontra dak l-uffiċjal għal xi raġuni involuta fl-akkuża kriminali qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti kriminali u s-sentenza fl-appell. Għandha tintbagħat kopja tar-rapport mibgħut lill-Kummissjoni mill-Kap ta' Dipartiment lill-uffiċjal li jkun għaddej minn proċedimenti kriminali.

(4) Meta l-Kap ta' Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal għandu jiġi sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni, huwa jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Azzjoni dixxiplinarja wara l-ħelsien minn akkuża kriminali.

**14.** (1) Uffiċjal pubbliku li jiġi meħlus minn akkuża kriminali f'xi Qorti m'għandux jitkeċċa jew xort'oħra jiġi kastigat fuq xi akkuża li jkun liberat minnha, iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament m'għandha żżomm milli jiġi mkeċċi jew li jiġi xort'oħra kastigat fuq xi akkuża oħra li tinħoloq mill-imġiba tiegħu fil-kwistjoni, kemm-il darba l-akkuża ma tqajjimx sostanzjalment l-istess kwistjonijiet bħal dawk li minnhom ikun ġie liberat.

(2) Jekk Kap ta' Dipartiment, jew ir-rappreżentant delegat tiegħu, jissuġġerixxi li jieħu azzjoni dixxiplinarja kontra uffiċjal skont ir-regolament 17 u f'konformità mas-subregolament (1), hu għandu jissottometti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta jsir jaf bis-sentenza tal-qorti li tkun saret *res judicata*, id-dikjarazzjoni bl-akkuża proposta lill-Avukat Ġenerali għall-approvazzjoni tiegħu. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jistenna l-approvazzjoni tal-Avukat Ġenerali qabel ma jibda' xi proċediment dixxiplinarju.

(3) Meta uffiċjal pubbliku jkun ġie liberat minn akkuża kriminali, il-Kap ta' Dipartiment għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-proċedimenti kriminali u jekk ikunx qed jissuġġerixxi li tittieħed azzjoni dixxiplinarja jew le kontra l-uffiċjal skont ma hemm fis-subregolament (2). Meta jkun applikabbli, il-Kap ta' Dipartiment għandu wkoll jagħmel rakkomandazzjoni dwar jekk is-sospensjoni prekawzjonarja għandhiex titneħħa jew le, bir-raġunijiet għal dik ir-rakkomandazzjoni.

(4) Il-Kummissjoni, waqt li tikkunsidra l-proposta tal-Kap ta' Dipartiment, u skont is-subregolament (3), għandha tiddeċiedi -

(a) għandhiex tinżamm fis-seħħ is-sospensjoni prekawzjonarja tal-uffiċjal, jew għandhiex titneħħa u, f'dan l-aħħar każ,

(b) jekk xi parti mis-salarju li nżammet milli tingħata lill-uffiċjal waqt is-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu għandhiex tingħatalu lura, jew jekk deċiżjoni dwar dan għandha tibqa' pendenti sat-tmiem tal-proċedimenti dixxiplinari.

**15.** (1) Jekk uffiċjal pubbliku jinstab ħati ta' akkuża kriminali, il-konklużjonijiet tal-Qorti dwar dik l-akkuża għandhom jiġu riferiti mill-Kap ta' Dipartiment lill-Kummissjoni. Azzjoni dixxiplinarja wara sejbien ta' ħtija ta' akkuża kriminali.

(2) Wara li l-Kummissjoni tqis il-konklużjonijiet tal-Qorti, u jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Appell, ix-xorta tal-imġiba ħażina u jekk dik l-imġiba ħażina jkollhiex relazzjoni diretta jew indiretta mad-dmirijiet tal-uffiċjal involut, hija għandha tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li għandha tingħata:

Iżda jekk il-Kummissjoni tqis li l-piena xierqa wara l-kundanna ta' ħtija ta' akkuża kriminali tkun waħda ta' tkeċċija jew twissija ta' tkeċċija jew it-telf ta' xi salarju li jkun inżamm, hija għandha tgħarraf lill-uffiċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jiġi mgħarraf u l-Kummissjoni għandha tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet u tista' wkoll tagħti lill-uffiċjal l-opportunità ta' smigħ f'seduta qabel ma tgħaddi biex tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru.

(3) Jekk uffiċjal li jkun ġie sospiż temporanjament bħala riżultat ta' proċedimenti kriminali jinstab ħati u l-penali proposta, wara li jkun instab ħati, hi waħda li ma tkunx ta' tkeċċija, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda li titneħħa s-sospensjoni prekawzjonarja mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tat-telf tas-salarju miżmum jew l-impożizzjoni ta' pieni dixxiplinari.

**Taqsima V - Proċedimenti Dixxiplinari taħt Delega ta' Awtorità**

**16.** Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw biss meta l-eżerċizzju tas-setgħat dixxiplinari u l-kontroll ikunu ġew delegati lil Kap ta' Dipartiment jew lil xi uffiċjal ieħor jew awtorità oħra mill-Prim Ministru skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, u għandhom japplikaw biss sal-limitu speċifikat. Kif tapplika din it-Taqsima meta s-setgħat dixxiplinari jkunu ġew delegati.

**17.** (1) Kull meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal fid-dipartiment tiegħu jista' jkun ħati ta' mġiba ħażina jew ksur ta' dixxiplina, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin: Bidu ta' proċedimenti dixxiplinari.

(a) il-Kap ta' Dipartiment għandu, wara li jwettaq l-investigazzjonijiet preliminari meħtieġa, iżda f'ebda każ aktar tard minn tletin (30) jum tax-xogħol mid-data meta jsir jaf bir-reat allegat, jew mhux aktar tard minn disgħin (90) ġurnata tax-xogħol mid-data meta jkun ġie ffirmat rapport magħmul skont l-
Kap. 273. Att dwar l-Inkjesti, jipprepara dikjarazzjoni bil-miktub bl-akkuża jew l-akkużi kontra dak l-uffiċjal, u għandu wkoll jgħarraf lill-uffiċjal jekk fil-fehma tiegħu l-akkuża jew l-akkużi jkunux jikkostitwixxu reat zgħir jew reat gravi u jekk ir-reat jistax iwassal għal tkeċċija;

(b) l-uffiċjal għandu jingħata għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi d-dikjarazzjoni skont ir-regolament 6(5) u (6) sabiex iwieġeb bil-miktub għall-akkuża jew akkużi miġjuba kontrih, waqt li jiddikjara r-raġunijiet li fuqhom qed jiddependi sabiex jiskolpa ruħu;

(ċ) korrezzjoni għad-dikjarazzjoni bl-akkuża tista' ssir mill-Kap ta' Dipartiment permezz ta' nota bil-miktub lill-uffiċjal akkużat u lill-bord ta' dixxiplina, kif ikun il-każ, fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti, sakemm il-korrezzjoni ma tibdilx is-sustanza tal-akkużi;

(d) jekk, wara li jqis it-tweġiba tal-uffiċjal, il-Kap ta' Dipartiment ikun sodisfatt li l-uffiċjal ikun skolpa ruħu, huwa għandu jinforma lill-uffiċjal. Kull dokument li jkollu x'jaqsam mal-każ għandu jinqered wara xahrejn mid-data meta l-uffiċjal ikun ġie hekk infurmat;

(e) jekk l-uffiċjal jammetti l-akkuża jew l-akkużi, il-Kap ta' Dipartiment għandu javża lil dak l-uffiċjal akkużat bid-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkuża jew l-akkużi u l-piena, jekk ikun il-każ;

(f) jekk l-uffiċjal ma jagħtix tweġiba fiż-żmien speċifikat, jew inkella fil-fehma ta' Kap ta' Dipartiment ma jiskolpax lilu nnifsu, il-Kap ta' Dipartiment għandu, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi tweġiba jew minn meta kellu jirċievi tweġiba bħal dik, jibgħat il-każ quddiem Bord ta' Dixxiplina maħtur taħt ir-regolament 18. Kopja tal-ittra lill-Bord ta' Dixxiplina għandha tintbagħat lill-uffiċjal akkużat.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) -

(a) m'għandha tittieħed l-ebda azzjoni dwar reat zgħir li jkun twettaq aktar minn tnax-il xahar qabel ma dak ir-reat zgħir

allegat jsir jaf bih il-Kap ta' Dipartiment;

(b) meta l-uffiċjal akkużat ikun ġie mgħarraf li l-akkużi huma serji, il-Kap ta' Dipartiment jista', fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti, u għal raġunijiet suffiċjenti u ġustifikabbli, inaqqas il-kategorizzazzjoni tal-akkużi minn waħda ta' reat serju għal waħda ta' reat zgħir.

F'każijiet bħal dawn, il-Kap ta' Dipartiment għandu jniżżel nota fl-inkartament tal-każ li tispeċifika r-raġunijiet li għalihom hu naqqas il-kategorizzazzjoni tal-akkuża dixxiplinarja:

Iżda, meta l-Kap ta' Dipartiment ikun ta avviż lill-uffiċjal akkużat li l-akkużi miġjuba kontrih, kieku dawn kellhom ikunu ippruvati, setgħu jwasslu għat-tkeċċija, l-implimentazzjoni ta' bdil fid-deċiżjoni bħal dik għandha jkollha l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

*Panels* Dixxiplinari Permanenti u Bordijiet Dixxiplinari

**18.** (1) Is-Segretarju Permanenti f'kull ministeru għandu, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jistabbilixxi *Panel* Dixxiplinarju Permanenti li jkun magħmul minn uffiċjali pubbliċi rtirati li jkunu idoneji u kompetenti.

(2) Il-membri tal-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti ta' ministeru għandhom joqogħdu fuq dak il-*panel* għal żmien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar. Bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-membri jistgħu jservu għal iżjed perjodi ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar f'ministeri oħra:

Iżda kull servizz mogħti qabel jew konkorrenti mal-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti ta' ministeru partikolari m'għandux jingħata konsiderazzjoni għall-fini ta' dan is-subregolament f'każ li l-persuna tkun nominata għall-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti ta' ministeru ieħor:

Iżda wkoll membru tal-*Panel* ta' xi ministeru jista' jitneħħa mill-Kummissjoni, fid-diskrezzjoni tagħha, f'kull waqt.

(3) Bord ta' Dixxiplina għall-fini tar-regolament 17(1)(f) għandu jikkonsisti minn għall-inqas tliet (3) persuni, li jinħatru mill-Kap ta' Dipartiment minn fost uffiċjali pubbliċi li jkunu idoneji u kompetenti, u, jew persuni elenkati fil-*Panel* Dixxiplinarju Permanenti tal-ministeru rilevanti:

Iżda Bord ta' Dixxiplina għandu jkun presedut minn uffiċjal pubbliku li għandu jkun -

(a) uffiċjal li jwettaq dmirijiet fi ħdan l-istess ministeru;

(b) mhux inqas minn żewġ skali tas-salarji 'l fuq mill-uffiċjal akkużat u mhux taħt l-iskala tas-salarji 10;

(ċ) fl-iskala tas-salarji 5 jew ogħla jekk ikun speċifikat fid-dikjarazzjoni bl-akkuża li, jekk issir prova dwarha, l-akkużi jistgħu jwasslu għal tkeċċija;

(d) fi skala tas-salarji mhux inqas minn dik tal-uffiċjal akkużat kull meta l-uffiċjal akkużat ikun fl-iskala tas-salarji 3 jew ogħla.

(4) Uffiċjal pubbliku li jinħatar membru ta' Bord ta' Dixxiplina għandu jkun:

(a) uffiċjal li jwettaq dmirijiet fi ħdan l-istess ministeru; u

(b) għall-inqas skala tas-salarju waħda ogħla minn dik tal-uffiċjal akkużat:

Iżda meta l-uffiċjal akkużat ikun fi skala tas-salarju 3 jew ogħla, il-membru għandu jkun fi skala tas-salarju mhux inqas minn dik tal-uffiċjal akkużat.

(5) Meta ma jkunx hemm uffiċjali fi ħdan il-ministeru rispettiv li jissodisfaw il-kriterji tas-subregolamenti (3) u (4), is-Segretarju Permanenti responsabbli għall-istess ministeru għandu jitlob l-għajnuna tal-Kap tas-Servizz Pubbliku, jew kull uffiċjal ieħor li jaġixxi f'ismu, biex jaħtar Bord ta' Dixxiplina.

(6) Iċ-*Chairperson* u l-membri li joqogħdu fuq il-Bord m'għandhomx ikollhom x'jaqsmu mal-każ ta' dixxiplina u m'għandhomx ikunu jiġu sat-tielet grad mill-uffiċjal akkużat. Meta xi membru tal-Bord ikollu x'jaqsam mal-każ ta' dixxiplina, jew jiġi f'konflitt ta' interess jew x'aktarx jiġi f'konflitt ta' interess jekk hu joqgħod fuq il-bord ta' dixxiplina, huwa għandu għaldaqstant jgħarraf lill-Kap ta' Dipartiment, li għandu jaħtar persuna sostitut skont kif previst fis-subregolamenti (3) u (4).

(7) Meta jitressqu ilmenti serji mill-uffiċjal akkużat jew mir-rappreżentant tiegħu li ċ-*Chairperson* u, jew xi membru ieħor tal-Bord ikunu b'xi mod preġudikati kontrih, l-uffiċjal akkużat jista' jagħmel petizzjoni quddiem il-Kap ta' Dipartiment qabel ma jibda jinstema' l-każ. Sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment, il-proċeduri dixxiplinari għandhom jiġu sospiżi.

(8) Jekk il-Kap ta' Dipartiment jilqa' petizzjoni taħt is-subregolament (7), huwa għandu jaħtar Bord ġdid jew jagħmel kull

tibdil adatt f'dak il-Bord skont kif previst fis-subregolamenti (3) u (4). L-uffiċjal li jagħmel il-petizzjoni għandu jiġi mgħarraf b'dan.

(9) Jekk il-Kap ta' Dipartiment ma jilqax il-petizzjoni taħt is-subregolament (7), huwa għandu jinforma lir-rikorrent dwar dan, li jkollu d-dritt li jirreferi l-petizzjoni tiegħu, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jkun ġie hekk infurmat, lis-Segretarju Permanenti tal-ministeru rispettiv għall-konsiderazzjoni tiegħu. Id-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti tkun finali.

**19.** (1) Qabel kull ħatra fuq Bord ta' Dixxiplina, iċ-*Chairpersons* u l-membri ta' bordijiet ta' dixxiplina għandhom jieħdu ġurament jew jagħmlu affermazzjoni solenni quddiem Kummissjunarju b'Setgħa li jagħti Ġuramenti. Funzjonijiet u setgħat ta' Bordijiet ta' Dixxiplina.

(2) Kull Bord ta' Dixxiplina maħtur skont ir-regolament 18 biex jistħarreġ il-każ, għandu jistabbilixxi l-fatti u jibgħat il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kap ta' Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat mhux aktar tard minn tletin (30) jum tax-xogħol mid-data li fiha l-każ ikun intbagħat lilu.

(3) Il-Bord ikollu s-setgħa li:

(a) jieħu l-parir ta' esperti meta jkun tal-fehma li dak il-parir ikun meħtieġ jew espedjenti;

(b) iħarrek lil kull persuna biex tidher quddiemu biex tixhed u biex tipproduċi kull dokument li jkun fil-pussess tagħha; u

(ċ) jagħti l-ġurament.

(4) Il-perjodu ta' tletin (30) jum tax-xogħol speċifikat fis-subregolament (2) jista' għal raġuni valida jiġi mtawwal mill-Kap ta' Dipartiment sa massimu ta' tletin (30) jum tax-xogħol oħra.

(5) Meta jkun hemm raġunijiet serji u ġustifikati li, fil-fehma tal-Kap ta' Dipartiment, ikunu jipprekludu l-Bord milli jagħmel rapport dwar il-konklużjonijiet tiegħu iktar kmieni mill-perjodu preskritt ta' tletin (30) jum u kull estensjoni tagħhom, il-Kap ta' Dipartiment għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni għal kull direzzjoni li tista' tagħti.

**20.** (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, il-Bord ta' Dixxiplina għandu jagħti opportunità xierqa liż-żewġ naħat li jippreżentaw il-każ tagħhom, iżda għandu jelimina kull formalità żejda u jiżgura li l-ġustizzja ssir bil-ħeffa u skont il-merti sostanzjali tal-każ. Proċedura matul is-seduti ta' dixxiplina.

(2) Il-Kap ta' Dipartiment u l-uffiċjal akkużat għandhom jiġu avżati bil-ħin u l-post tas-smigħ mhux inqas minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol qabel is-smigħ. Kull avviż għandu jkun iffirmat miċ-*Chairperson* u mwassal skont ir-regolament 6(5) u (6). Il-ħin u d-data ta' kull smigħ sussegwenti għandhom jiġu deċiżi mill-Bord ta' Dixxiplina wara konsultazzjoni maż-żewġ partijiet fil-każ.

(3) Jekk xi waħda mill-partijiet tonqos milli tidher għal seduta tal-Bord ta' Dixxiplina, u l-Bord ikun sodisfatt li n-notifika tas-smigħ tkun saret, dan jista' jipproċedi bil-każ minkejja l-assenza ta' dik il-parti jekk, meta jkun qies iċ-ċirkostanzi kollha, inkluża l-ħtieġa li l-proċedimenti jintemmu kemm jista' jkun malajr, il-Bord ikun tal-fehma li għandu jipproċedi bil-każ.

(4) Għandha tapplika din il-proċedura li ġejja għal seduta tal-Bord:

(a) is-seduta għandha ssir bil-magħluq;

(b) l-uffiċjal imsejjaħ biex jidher fis-seduta għandu jingħata kull opportunità li jiddefendi ruħu u li jġib kull xhud li jrid li x-xhieda tagħhom tkun rilevani u materjali għall-każ;

(ċ) kull parti fil-każ tista' tagħmel kontro-eżami tax-xhieda li jinġiebu mill-parti l-oħra jew mill-bord ta' dixxiplina, u l-bord jista' wkoll jagħmel mistoqsijiet lix-xhieda.

(5) Il-Bord ta' Dixxiplina jista' jirregola l-proċedura matul is-seduta. Il-Bord jista' wkoll jitlob direttiva mill-Kummissjoni dwar kwistjoni ta' proċedura jew l-interpretazzjoni ta' dawn ir-regolamenti; u kull direttiva bħal dik mill-Kummissjoni tkun vinkolanti fuq il-Bord ta' Dixxiplina:

Iżda fir-rigward ta' kwistjonijiet mqajma minn xi parti, id-direttiva għandha tiġi komunikata liż-żewġ partijiet.

Żvelar ta' raġunijiet *prima facie* li jwasslu għal aktar akkużi.

**21.** (1) Meta, fl-opinjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, il-provi li jkollu quddiemu jiżvelaw *prima facie* xi mġiba ħażina tal-uffiċjal akkużat, is-smigħ għandu jiġi sospiż u għandha tapplika din il-proċedura li ġejja:

(a) il-Bord ta' Dixxiplina għandu jirrapporta l-każ lill-Kap ta' Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat;

(b) jekk il-Kap ta' Dipartiment ikun tal-fehma li jkun sew li jipproċedi kontra l-uffiċjal akkużat, hu għandu jagħti lill-uffiċjal dikjarazzjoni bl-akkuża għall-imġiba ħażina addizzjonali li tkun ġiet żvelata, u għandha tapplika l-proċedura

deskritta fir-regolament 17;

(ċ) fit-tħejjija tad-dikjarazzjoni bl-akkuża skont il-paragrafu (b), il-Kap ta' Dipartiment jista', jekk ikun applikabbli u jidhirlu li jkun meħtieġ fid-dawl tal-akkużi addizzjonali, jgħolli l-gravità li tkun ingħatat lill-każ oriġinali jew jistipula l-akkużi li potenzjalment jistgħu jwasslu għat-tkeċċija tal-uffiċjal, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18(3) u (4) fir-rigward ta' kif ikun kompost il-Bord ta' Dixxiplina;

(d) sakemm ma jiġix kompost mill-ġdid, il-Bord ta' Dixxiplina għandu jkompli jisma' l-każ fuq il-bażi taż-żewġ dikjarazzjonijiet bl-akkużi li jkun irċieva u għandu jagħti liż-żewġ partijiet fil-każ l-opportunità li jippreżentaw xhieda addizzjonali f'konnessjoni mal-akkużi addizzjonali.

(2) Meta, fl-opinjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, il-provi li jkollu quddiemu jiżvelaw xi mġiba ħażina oħra li ma tkunx relatata mal-akkuża oriġinali, il-bord għandu jirreferi dawk il-provi lir-rappreżentant tad-dipartiment, li min-naħa tiegħu għandu jirreferi l-provi lill-Kap ta' Dipartiment u għandha tapplika l-proċedura stabbilita fir-regolament 17.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) ma għandhomx jiġu applikati meta r-raġunijiet addizzjonali jkunu ta' reat zgħir li kien jiskadi wara tnax-il (12) xahar.

**22.** (1) Meta jagħlaq l-istħarriġ tiegħu, u qabel ma jissottometti r-rapport lill-Kap ta' Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat, il-Bord għandu jara li l-konklużjonijiet tiegħu jitwasslu verbalment lill-partijiet f'seduta finali miżmuma għal dak il-għan. Komunikazzjoni tal-konklużjonijiet.

(2) Rapport dwar il-konklużjonijiet għandu jiġbor fih -

(a) sommarju ta' dawk il-partijiet tax-xhieda li l-Bord iqis rilevanti;

(b) il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni dwar kwistjonijiet materjali ta' fatt;

(ċ) dikjarazzjoni jekk, fil-fehma tal-Bord, l-uffiċjal akkużat ikunx għamel jew le r-reat jew ir-reati li tagħhom kien ġie akkużat u dikjarazzjoni fil-qosor tar-raġunijiet għal dik il-konklużjoni;

(d) dettalji dwar kull ħaġa li, fil-fehma tal-Bord, taggrava jew tnaqqas il-gravità tal-każ.

(3) Ir-rapport tal-Bord m'għandux jinkludi fih ebda rakkomandazzjoni dwar il-piena li tista' tiġi imposta.

Deċiżjonijiet u sottomissjonijiet wara l-konklużjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina.

**23.** (1) Wara li l-konklużjonijiet tal-Bord jitwasslu lill-Kap ta' Dipartiment u lill-uffiċjal akkużat, għandha tkun tapplika din il-proċedura li ġejja f'kull każ, ħlief meta l-Kap ta' Dipartiment ikun avża lill-uffiċjal akkużat li l-akkużi miġjuba, li kieku dawn kellhom jiġu ppruvati, jistgħu jwasslu għal tkeċċija:

(a) l-uffiċjal akkużat jista' jagħmel kummenti bil-miktub jew inkella jitlob appuntament biex jagħmel kummenti bil-fomm lill-Kap ta' Dipartiment, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta l-konklużjonijiet tal-Bord ikunu ġew lilu komunikati, u dawk il-kummenti għandhom jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet li fuqhom ikunu ibbażati;

(b) il-Kap ta' Dipartiment għandu jikkonsidra kull kumment li jsirlu mill-uffiċjal akkużat u għandu, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jkun irċieva dawk il-kummenti, jikkomunika lill-uffiċjal id-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkuża jew l-akkużi, jekk huwa jaċċettax il-konklużjoni tal-Bord, u dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li huwa jkun tah;

(ċ) meta uffiċjal jammetti akkuża jew jonqos milli jagħmel xi kummenti lill-Kap ta' Dipartment fiż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a), il-Kap ta' Dipartiment għandu jikkomunika, fi żmien mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol, lill-uffiċjal akkużat id-deċiżjoni tiegħu dwar il-konklużjonijiet tal-bord u l-piena imposta, jekk ikun il-każ;

(d) meta jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-Bord li r-reat, kuntrarjament għal dak li oriġinarjament kien imsemmi mill-Kap ta' Dipartiment, ma kienx ta' natura gravi, il-Kap ta' Dipartiment jista' jagħti piena anqas minn dik li tapplika għal reati gravi, iżda f'dawk il-każijiet il-Kap ta' Dipartiment għandu jagħmel nota fl-inkartament tal-każ li tkun tispeċifika r-raġunijiet għaliex huwa jkun aċċetta l-konklużjonijiet tal-Bord u konsegwentement ta piena li hi applikabbli għal reat zgħir.

(2) Fil-każ ta' reat meta l-Kap ta' Dipartiment ikun avża lill-uffiċjal akkużat li l-akkużi miġjuba, li kieku dawn kellhom jiġu ppruvati, setgħu jwasslu għat-tkeċċija, għandha tapplika din il-proċedura li ġejja:

(a) meta l-Kap ta' Dipartiment jirċievi r-rapport tal-Bord, huwa għandu, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol, jibgħat kopja tar-rapport lill-Kummissjoni;

(b) jekk, wara li jikkunsidra r-rapport tal-Bord u ċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Kap ta' Dipartiment ikun tal-fehma li r-reat jistħoqlu piena anqas minn waħda ta' tkeċċija, huwa għandu jehmeż mar-rapport ir-raġunijiet li wasslu biex jikkonsidra mill-ġdid l-akkuża oriġinali;

(ċ) filwaqt li tkun qed tqis il-konklużjonijiet tal-Bord u kull sottomissjoni magħmula mill-Kap ta' Dipartiment skont dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni tista' tagħti opportunità lill-uffiċjal akkużat u lill-Kap ta' Dipartiment li jagħmlu l-kummenti tagħhom bil-fomm;

(d) wara li tqis il-konklużjonijiet tal-Bord u l-kummenti lilha magħmula, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru kemm għar-rigward tal-ħtija jew xort'oħra tal-uffiċjal akkużat kif ukoll dwar il-piena, jekk ikun il-każ.

**24.** (1) L-inkartament ta' proċedimenti dixxiplinari għandu jiġbor fih dan li ġej: Inkartament ta' proċedimenti.

(a) kull rapport bil-miktub li jsir kontra uffiċjal, jew *record* bil-miktub ta' kull rapport verbali;

(b) kull att ta' akkuża;

(ċ) kull sottomissjoni bil-miktub magħmula mill-uffiċjal akkużat bħala tweġiba għall-akkuża jew akkużi jew xort'oħra matul il-proċedimenti;

(d) kopji ta' kull dokument, karta u *file* li l-Bord ta' Dixxiplina rċieva minn xi parti u li jkollhom x'jaqsmu mal-proċedimenti;

(e) in-noti fuq il-provi miġbura mill-Bord ta' Dixxiplina għandu jkun fihom dikjarazzjoni dwar il-persuni kollha li kienu preżenti matul is-smigħ u traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduti kollha miżmuma;

(f) kull deċiżjoni meħuda jew rakkomandazzjoni magħmula minn Kap ta' Dipartiment dwar il-ħtija jew xort'oħra ta' uffiċjal, u l-piena jew pieni mogħtija, jekk ikun il-każ;

(g) kull sottomissjoni bil-miktub magħmula mill-uffiċjal akkużat dwar il-konklużjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina, jew dwar xi piena mogħtija.

(2) Kull tentattiv ta' tbagħbis jew distruzzjoni tal-inkartament

tal-proċedimenti għandu jitqies bħala reat gravi.

(3) Kap ta' Dipartiment għandu josserva kull istruzzjoni li tista' tingħata mill-Kap tas-Servizz Pubbliku, minn żmien għal żmien, bi ftehim mal-Kummissjoni, dwar il-kustodja tal-inkartamenti relattivi għall-proċedimenti dixxiplinari.

**Taqsima VI - Proċedimenti Dixxiplinari meta ma jkunux ġew delegati s-Setgħat ta' Dixxiplina**

Proċedimenti dixxiplinari meta ma jkunux ġew delegati s-setgħat ta' dixxiplina.

**25.** Meta l-kontroll dixxiplinarju ma jkunx ġie delegat lil Kap ta' Dipartiment jew lil xi uffiċjal ieħor jew awtorità skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, jew fejn is-setgħat delegati jkunu ġew irtirati, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet u proċeduri li ġejjin:

(a) kull meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li xi uffiċjal fid-dipartiment tiegħu jista' jkun ħati ta' mġiba ħażina, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 17(1)(a) u (b);

(b) jekk l-uffiċjal akkużat jammetti l-akkuża jew l-akkużi qabel ma l-Bord ta' Dixxiplina jibda' jisma' l-każ, il-Kap ta' Dipartiment għandu, kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn dik l-ammissjoni, jirreferi l-każ lill-Kummissjoni, li għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li għandha tiġi mogħtija lill-uffiċjal;

(ċ) jekk l-uffiċjal akkużat ma jammettix l-akkuża jew l-akkużi jew ma jagħtix risposta fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, il-Kap ta' Dipartiment għandu, fi żmien għoxrin (20) ġurnata tax-xogħol minn meta jirċievi r-risposta jew mid-data meta kellu jirċievi dik ir-risposta, jirreferi l-każ lil Bord ta' Dixxiplina maħtur skont ir-regolament 18;

(d) qabel ma l-Bord ta' Dixxiplina jwassal il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kap ta' Dipartiment, lill-uffiċjal akkużat u lill-Kummissjoni, il-Bord għandu jiżgura li l-konklużjonijiet tiegħu jiġu komunikati verbalment lill-partijiet f'sessjoni finali li tinżamm għal dan il-għan;

(e) il-Kap ta' Dipartiment u l-uffiċjal akkużat jistgħu, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol min-notifika tal-konklużjonijiet tal-Bord, iressqu appell quddiem il-Kummissjoni fir-rigward ta' dawk il-konklużjonijiet, jew jitolbu appuntament biex ikunu jistgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom bil-fomm:

Iżda jekk l-uffiċjal akkużat jista' jiġi mkeċċi bħala riżultat tal-akkużi, u l-Bord ta' Dixxiplina jkun sabu ħati dwar xi waħda jew aktar mill-akkużi, il-Kummissjoni għandha tappunta data għal smigħ li fiha l-uffiċjal akkużat u l-Kap ta' Dipartiment u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm;

(f) wara li tqis il-konklużjonijiet tal-Bord u ta' kull sottomissjoni li tkun saritilha, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru kemm dwar il-ħtija jew xort'oħra tal-uffiċjal akkużat, kif ukoll dwar il-piena, jekk ikun il-każ.

## Taqsima VII - Reati u Pieni

**26.** Il-kategoriji ta' reati, f'sens wiesgħa, u tal-pieni korrispondenti li jistgħu jiġu imposti mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jew minn Kap ta' Dipartiment li jkun lilu ġie delegat kontroll dixxiplinarju skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, jinsabu elenkati fl-Iskeda: Tqegħid f'kategoriji ta' reati u pieni.

Iżda għar-rigward ta' uffiċjali tal-Pulizija, il-pieni applikabbli jkunu dawk stabbiliti fl-artikoli 42 u 43 tal-Att dwar il-Pulizija. Kap. 164.

## Taqsima VIII - Appelli minn Deċiżjonijiet Dixxiplinari u Reviżjoni ta' Rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mill-Kummissjoni

**27.** (1) Uffiċjal pubbliku jkollu l-jedd għal appell lill-Kummissjoni skont dan ir-regolament kontra konklużjoni ta' ħtija u ta' kull piena korrispondenti imposta mill-Kap ta' Dipartiment skont ir-regolament 17, jew fejn l-uffiċjal jista' jagħti prova li kien hemm nuqqas kbir ta' attenzjoni rigward il-proċeduri stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u dan in-nuqqas ta' attenzjoni ppreġudika l-interessi tiegħu. Appelli minn deċiżjonijiet dixxiplinari.

(2) L-avviż tal-appell skont is-subregolament (1), li fih ikun hemm ir-raġunijiet tal-appell, għandu jingħata lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni bil-miktub sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data meta d-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lil dak l-uffiċjal. Kopja tal-avviż tal-appell għandha fl-istess ħin tintbagħat mill-uffiċjal lill-Kap ta' Dipartiment.

(3) Malli l-Kap ta' Dipartiment jirċievi kopja tal-avviż tal-appell, huwa għandu, fi żmien mhux aktar minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol, jibgħat lill-Kummissjoni d-dokumentazzjoni rilevanti li jkollha x'taqsam mal-każ, inkluż ir-rapport tal-Bord ta' Dixxiplina.

(4) Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni għandu jgħarraf li jkun irċieva l-avviż tal-appell magħmul skont dan ir-regolament u kull appell li jiġi riċevut wara ż-żmien perentorju ta' għaxart (10) ijiem stabbilit fis-subregolament (2) m'għandux jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni.

(5) Jekk il-Kummissjoni tqis li l-appell għandu jiġi kkunsidrat skont is-subregolament (1), il-Kummissjoni għandha tagħti opportunità lill-uffiċjal akkużat u lill-Kap ta' Dipartiment biex jagħmlu kummenti oralment; iżda l-Kummissjoni għandha tirregola l-proċedura tagħha meta tkun qegħda tikkunsidra xi appell, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Il-Kummissjoni, wara li tikkunsidra r-raġunijiet għall-appell, l-inkartament tal-proċedimenti, u kull kumment orali, għandha tgħaddi biex tirrakkomanda lill-Prim Ministru jew li huwa għandu jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment dwar il-ħtija tal-appellant u, jew il-piena mogħtija, jew li huwa għandu jemendaha jew jirrevokaha.

(7) Meta r-rakkomandazzjoni tagħha tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-appellant dwar ir-riżultat tal-appell.

(8) Ebda ħaġa f'dan ir-regolament m'għandha żżomm lill-Kummissjoni, sew qabel is-smigħ jew f'kull waqt matul is-smigħ tal-appell, milli sommarjament tiċħad jew ma tħallix ikompli xi appell mingħajr ma tisimgħu jew mingħajr ma tkompli aktar tisimgħu skont il-każ, minħabba li l-appell ikun frivolu jew vessatorju jew wieħed li ma kellux xort'oħra jsir.

Sospensjoni tal-piena sakemm isir l-appell.

**28.** Piena mogħtija minn Kap ta' Dipartiment li jkun qed jaġixxi b'delega ta' awtorità m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma jgħaddu mill-anqas għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta l-uffiċjal ikun ġie avżat bil-piena mill-Kap ta' Dipartiment u, jekk ikun sar appell, dik il-piena m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma jkun hemm deċiżjoni mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Kummenti ta' Kap ta' Dipartiment li ma jkunx sodisfatt bil-konklużjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina.

**29.** (1) Kap ta' Dipartiment li ma jkunx sodisfatt bil-proċedimenti jew bil-konklużjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina maħtur skont ir-regolament 18 jew li jkollu prova li kien hemm nuqqas kbir ta' attenzjoni rigward il-proċeduri stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u dan in-nuqqas ippreġudika l-każ tiegħu, jista' jappella lill-Kummissjoni.

(2) Kull appell skont is-subregolament (1) għandu jsir lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart

(10) ijiem tax-xogħol minn meta l-konklużjonijiet tal-Bord ikunu ġew notifikati lill-uffiċjal involut. Kopja ta' dan l-appell għandha fl-istess ħin tintbagħat lill-uffiċjal mill-Kap ta' Dipartiment.

(3) Jekk il-Kummissjoni jidhrilha li l-appell għandu jiġi kkunsidrat skont is-subregolament (1), hi għandha tagħti opportunità lill-uffiċjal akkużat u lill-Kap ta' Dipartiment biex jagħmlu l-kummenti tagħhom bil-fomm, iżda l-Kummissjoni għandha altrimenti tirregola l-proċedura tagħha meta tittratta l-appell bla ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dawn ir-regolamenti

(4) Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkunsidra l-appell tal-Kap ta' Dipartiment, kull dokumentazzjoni li tirrigwarda l-proċedimenti, u kull kumment bil-fomm, tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru dwar il-ħtija jew mod ieħor tal-uffiċjal akkużat, fir-rigward ta' kull waħda mill-akkużi, u l-piena li għandha tiġi imposta, jekk ikun il-każ.

Reviżjoni ta' rakkomandazzjonijiet li jkunu saru qabel.

**30.** (1) Kull min hu jew kien uffiċjal pubbliku u ġie ippenalizzat skont dawn ir-regolamenti jew skont ir-Regolamenti tal-1977 jew ir-Regolamenti tal-1999, wara li ssir rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex din tirrevedi l-każ tiegħu bil-għan li tiġi revokata jew emendata r-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni tkun għamlet kontra tiegħu.

(2) Il-petizzjoni għandha ssir bil-miktub u għandha tintbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni li għandu javża li jkun irċieva l-petizzjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha, meta jsir dan, tibgħat kopja tal-petizzjoni lill-Prim Ministru għal kull kumment li huwa jkun jixtieq jagħmel fi żmien xahar minn meta huwa jirċievi dik il-kopja. Malli jgħaddi dak iż-żmien, il-Kummissjoni għandha tgħaddi biex teżamina dik il-petizzjoni.

(4) Il-Kummissjoni tista' tippermetti reviżjoni tal-każ jekk -

(a) fid-diskrezzjoni tagħha, tkun sodisfatta li *prima facie* kien hemm każ ta' nuqqas ta' osservanza serja tar-regolamenti tad-dixxiplina jew li jkun sar nuqqas gravi ta' ġustizzja li jirriżulta fi vjolazzjoni ta' ġustizzja naturali jew ta' drittijiet fundamentali; jew

(b) il-każ seħħ minn sejbien ta' ħtija f'każ kriminali li sussegwentement ġie annullat jew ma tkompliex b'deċiżjoni ta' qorti ogħla.

(5) Il-Kummissjoni m'għandhiex tikkonsidra petizzjoni taħt

dan ir-regolament jekk -

(a) min jagħmel il-petizzjoni jkun diġà għamel talba bħal dik li tkun ġiet miċħuda fuq il-merti tal-każ; jew

(b) ir-rakkomandazzjoni li hi s-suġġett tal-petizzjoni saret mill-Kummissjoni wara li kien sar appell f'każ li ġie deċiż taħt l-awtorità tal-Kap ta' Dipartiment.

(6) Fil-konsiderazzjoni tagħha ta' petizzjoni taħt dan ir-regolament il-Kummissjoni tista', fid-diskrezzjoni unika tagħha, tagħti lil min jagħmel il-petizzjoni opportunità li jagħmel sottomissjonijiet bil-fomm, u tista' wkoll titlob l-opinjoni tal-Kap ta' Dipartiment rispettiv bil-miktub jew bil-fomm.

(7) Il-Kummissjoni m'għandhiex tippermetti li tinġieb xhieda ġdida taħt dan ir-regolament ħlief jekk tkun sodisfatta li dik ix-xhieda ma kinitx magħrufa minn qabel jew ma setgħetx titressaq minn min għamel il-petizzjoni meta l-każ kien instema' għall-ewwel darba.

(8) Wara li tkun ikkunsidrat petizzjoni taħt dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk ir-rakkomandazzjoni oriġinali tagħha għandhiex tiġi konfermata, emendata jew revokata, u għandha tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru skont hekk.

(9) Meta r-rakkomandazzjoni tagħha tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lil min għamel il-petizzjoni bir-riżultat tal-petizzjoni.

## Taqsima IX - Tneħħija mill-Kariga

Raġunijiet għal tneħħija mill-kariga.

**31.** Il-ħatra ta' uffiċjal tista' tintemm għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) għal assentejiżmu mingħajr *leave*; jew

(b) bi tkeċċija jew tneħħija b'konsegwenza ta' proċedimenti kriminali jew dixxiplinari.

Assentejiżmu mingħajr *leave*.

**32.** (1) Uffiċjal pubbliku li jkun assenta ruħu mingħajr *leave* għal perjodu ta' għaxart (10) ijiem tax-xogħol konsekuttivi għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun irriżenja mis-servizz pubbliku b'seħħ mill-ħdax-il jum tax-xogħol tal-assenza tiegħu mhux awtorizzata.

(2) Il-Kap ta' Dipartiment għandu, malli jgħaddi ż-żmien perentorju msemmi fis-subregolament (1), javża lil dak l-uffiċjal li:

(a) hu jikkunsidra li l-uffiċjal irreżenja mis-servizz pubbliku b'effett mill-ħdax-il jum tal-assenza tiegħu mhux awtorizzata;

(b) l-uffiċjal ikollu jħallas lill-Gvern, kif stipulat fil-Ftehim dwar is-Servizz Pubbliku li jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien, nofs is-salarju li kieku hu kien jaqla' waqt il-perjodu applikabbli tan-*notice*.

(3) Jekk uffiċjal li jkun assenta ruħu mingħajr *leave* kif imsemmi fis-subregolament (1) imur lura għax-xogħol qabel id-data tal-avviż mill-Kap ta' Dipartiment, jew qabel tmiem l-għaxart (10) ijiem tax-xogħol imsemmija fis-subregolament (1), hu għandu jitħalla jkompli bi dmirijietu mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni dixxiplinarja li l-Kap ta' Dipartiment jista' jieħu skont dawn ir-regolamenti.

(4) Jekk l-uffiċjal jidhirlu li d-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment hija inġusta fil-konfront tiegħu, hu jista' jappella lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol li jibdew mill-ġurnata wara li jirċevi l-avviż mill-Kap ta' Dipartiment, waqt li jelenka r-raġunijiet li għalihom jikkonsidra li d-deċiżjoni kienet inġusta fil-konfront tiegħu.

(5) Appell taħt is-subregolament (4) għandu jiġi trattat mill-Kummissjoni b'urġenza. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Kap tad-Dipartiment biex jagħtiha l-opinjoni tiegħu dwar l-appell u tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti lill-uffiċjal ikkonċernat u lill-Kap ta' Dipartiment l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm.

(6) Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li appell magħmul taħt is-subregolament (4) huwa ġustifikat, hi għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment permezz ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru, u meta din tiġi approvata, għandha tinforma lill-uffiċjal u lill-Kap ta' Dipartiment li l-uffiċjal, b'riżultat ta' dan, għandu jiġi kkunsidrat bħala li għadu fl-impjieg fis-servizz pubbliku.

(7) Uffiċjal li jkun ġie kkunsidrat bħala li rriżenja minħabba *leave* mhux awtorizzat m'għandux jerġa' jibda' jaqdi d-dmirijiet tiegħu sakemm u qabel ma l-Kummissjoni tilqa' l-appell tiegħu.

(8) Uffiċjal li jkollu l-appell tiegħu taħt is-subregolament (4) milqugħ mill-Kummissjoni ma jkunx intitolat għal xi ħlas għal xi perjodu ta' *leave* mhux awtorizzat, jew għaż-zmien li l-Kummissjoni ħadet biex tisma' l-appell.

## Taqsima X - Mixxellanji

Procedura li tiġi segwita meta uffiċjal jitlaq mis-servizz fil-waqt li jkunu għaddejjin proċedimenti dixxiplinari.

**33.** (1) Meta uffiċjal li jkun għaddej minn proċedimenti dixxiplinari kontrih jieqaf milli jibqa' uffiċjal pubbliku qabel ma jintemmu dawk il-proċedimenti, il-Kap ta' Dipartiment għandu jitlob lill-uffiċjal akkużat jiddikjara, bil-miktub, fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, jekk ikunx irid li l-proċedimenti dixxiplinari jitkomplew sabiex ikun jista' jkollu l-opportunità li jiskolpa ruħu, jew jekk ikunx irid li l-proċedimenti dixxiplinari jiġu sospiżi.

(2) Jekk l-uffiċjal jagħżel li jkompli għaddej bil-proċedimenti u jiġri li wara jinsab ħati, m'għandha tingħatalu ebda piena, iżda għandu jsir notament dwar ir-riżultanzi tal-Bord ta' Dixxiplina fir-*record* tas-servizz ta' dak l-uffiċjal.

(3) Jekk l-uffiċjal jagħżel li l-każ jiġi sospiż, huwa għandu jikkonferma dan bil-miktub u għandu jsir notament dwar dan fir-*record* tas-servizz tiegħu fejn jiġi dikjarat li meta telaq mis-servizz, l-uffiċjal kellu każ ta' dixxiplina pendenti.

(4) Jekk fiż-żmien stabbilit, l-uffiċjal jonqos milli jiddikjara xi tkun l-għażla li huwa jagħmel, il-każ jiġi sospiż u titniżżel nota fir-*record* tas-servizz tiegħu fejn jingħad li meta telaq mis-servizz, l-uffiċjal kellu każ ta' dixxiplina pendenti.

(5) Jekk jiġri li persuna li tkun instabet ħatja kif hemm fis-subregolament (2) terġa' tidħol fis-servizz pubbliku, sew fl-istess kariga li kellha sew f'kariga differenti, il-Kap ta' Dipartiment li jkun issa responsabbli għall-uffiċjal għandu, fi żmien tlett (3) xhur minn meta dak l-uffiċjal jerġa' jidħol fis-servizz, jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar jekk għandhomx jitkomplew il-proċedimenti dixxiplinarji jew le bil-għan li tiġi imposta l-piena dixxiplinarja adatta; u jekk il-Kummissjoni tordna li l-proċedimenti għandhom jitkomplew, il-Kap ta' Dipartiment għandu jimxi skont ir-regolament 23 jew kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti li tista' tkun tapplika.

(6) Jekk jiġri li persuna li jkollha każ ta' dixxiplina sospiż kif hemm fis-subregolamenti (3) jew (4) sussegwentement terġa' tidħol fis-servizz, sew fl-istess kariga li kellha sew f'kariga differenti, il-Kap ta' Dipartiment li jkun issa responsabbli għall-uffiċjal għandu, fi żmien tliet (3) xhur minn meta dak l-uffiċjal jerġa' jidħol fis-servizz, jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar jekk għandhomx jitkomplew il-procedimenti dixxiplinarji jew le; u jekk il-Kummissjoni hekk tordna, il-Kap ta' Dipartiment għandu jkompli għaddej bil-proċedimenti mill-fażi li jkunu waslu fiha qabel ma jkunu twaqqfu, ħlief li -

(a) kull terminu ta' żmien li japplika għandu jitqies li jibda' għaddej mid-data meta l-Kap ta' Dipartiment jiġi mgħarraf mill-Kummissjoni li l-proċedimenti għandhom jitkomplew, jew minn kull data oħra li tista' tkun tapplika; u

(b) kemm-il darba l-Bord ta' Dixxiplina ma kienx ippreżenta r-rapport tiegħu fil-proċedimenti oriġinali, il-Kap ta' Dipartiment għandu jaħtar Bord ta' Dixxiplina biex jittratta l-każ skont l-akkużi miġjuba kontra l-uffiċjal fil-proċedimenti oriġinali.

Proċedura li tiġi segwita meta uffiċjal jitlaq mis-servizz fil-waqt li jkunu għaddejjin proċedimenti kriminali.

**34.** Meta uffiċjal, li kontra tiegħu jkun hemm pendenti proċedimenti kriminali, ma jibqax uffiċjal pubbliku qabel ma jiġu konklużi dawk il-proċedimenti, jew ikunu ġew konklużi iżda l-Kummissjoni ma tkunx għadha ħadet azzjoni taħt dawn ir-regolamenti, m'għandha tinbeda ebda azzjoni dixxiplinarja skont dawn ir-regolamenti jew tingħata xi piena. Madankollu, il-Kap ta' Dipartiment għandu jsegwi l-każ sabiex ikun jista' jsir in-notament dwar id-deċiżjoni tal-qorti fir-*record* tas-servizz ta' dak l-uffiċjal.

Telfien ta' pensjoni, eċċ., wara tkeċċija.

**35.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 114 tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra, uffiċjal pubbliku li jitkeċċa mis-servizz jitlef kull dritt u pretensjoni għal pensjoni, gratifikazzjoni jew għotja oħra dwar l-irtirar taħt l-Ordninanza dwar il-Pensjonijiet. Uffiċjal pubbliku li jitkeċċa jitlef ukoll kull dritt u pretensjoni li huwa jkollu fir-rigward ta' *leave* statutorju bi spiża pubblika.

Segretezza.

**36.** Ebda membru tal-Kummissjoni, la s-Segretarju Eżekuttiv u lanqas xi membru tal-istaff tal-Kummissjoni, lanqas xi uffiċjal pubbliku, bord jew awtorità, li jkollhom setgħat u funzjonijiet skont dawn ir-regolamenti, jew xi persuna oħra, m'għandha, mingħajr il-permess bil-miktub tal-Prim Ministru, tippubblika jew tiżvela lil xi persuna, ħlief fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tagħha, il-kontenut ta' xi dokument, komunikazzjoni jew informazzjoni oħra tkun li tkun, li jkollu x'jaqsam ma' xi azzjoni li ttieħdet skont dawn ir-regolamenti u li tkun saret taf biha.

L-inosservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandha, fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, tikkostitwixxi mġiba ħażina u, jew ksur ta' dixxiplina.

Skadenzi.

**37.** Kull żmien li jiskadi kif preskritt f'dawn ir-regolamenti jista', jekk tinġieb raġuni tajba, jiġi mtawwal mill-Kummissjoni kemm-il darba t-talba għal dan issir qabel ma jiskadi dak iż-żmien partikolari.

Rapporti annwali u rapporti oħra.

**38.** (1) Il-Kap tas-Servizz Pubbliku u kull Kap ta' Dipartiment li lilu jiġi delegat il-kontroll dixxiplinarju, jew kull

awtorità oħra delegata, għandhom jagħmlu rapporti dwar kwistjonijiet ta' dixxiplina lill-Kummissjoni b'tali frekwenza, u f'dik l-għamla u li jkunu jittrattaw dwar dawk il-kwistjonijiet kif il-Kummissjoni minn żmien għal żmien tista' tippreskrivi.

(2) Il-Kummissjoni tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tippubblika rapporti annwali dwar kwistjonijiet ta' dixxiplina kif ukoll rapporti ta' inkjesti fl-eżerċizzju tal-kontroll dixxiplinarju u rapporti speċjali oħra, flimkien mar-rimarki tagħha dwar kull kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' jew hi inċidentali għal, dan kollu.

Revoka u riżerva.

**39.** (1) Ir-Regolamenti tal-1999 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huma b'dan revokati, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

(2) Meta proċedimenti dixxiplinari jew petizzjonijiet għal reviżjoni ta' rakkomandazzjoni mgħoddija tal-Kummissjoni jkunu nbdew taħt u kif hemm fir-Regolamenti tal-1999 u, jew fir-Regolamenti tal-1977 (revokati taħt dawn ir-Regolamenti tal-1999), dawk il-proċedimenti jew reviżjoni għandhom jitkomplew u jintemmu taħt u skont ir-rispettivi regolamenti bħallikieku r-regolamenti msemmija ma kinux ġew revokati:

Iżda d-dispożizzjonijiet dwar pieni dixxiplinari li japplikaw fil-każ ta' dawk il-proċedimenti jew reviżjoni għandhom ikunu dawk li jkunu l-aktar favorevoli għall-uffiċjal akkużat.

## Skeda ta' Reati u Pieni

### 1. *Reati Dixxiplinari*

Ir-reati speċifikati f'din l-Iskeda għandhom jiġu kkunsidrati biss bħala illustrattivi u indikattivi u m'humiex eżawrjenti.

*Imġiba mhux professjonali u mhux etika*

1.1 Uffiċjal pubbliku jkun soġġett għal proċedimenti dixxiplinarji għal imġiba mhux professjonali u mhux etika u, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal qabel, din l-imġiba għandha tinkludi:

(a) nuqqas ta' osservanza ta' liġijiet, regoli, regolamenti jew kodiċijiet li jirregolaw professjonijiet speċifiċi u s-Servizz Pubbliku jew l-aġir ta' uffiċjali pubbliċi, jew it-twettieq tax-xogħol tal-gvern;

(b) li wieħed ikun taħt l-influwenza tax-xorb jew drogi waqt il-qadi ta' dmirijietu;

(ċ) aġir immorali, indeċenti jew disonorevoli fuq il-post tax-xogħol;

(d) l-ikkawżar ta' ħsara lill-proprjetà tal-gvern;

(e) l-għoti ta' informazzjoni ħażina;

(f) użu ħażin ta' fondi, proprjetà jew tagħmir tal-gvern;

(g) serq jew qerq ta' fondi, proprjetà jew tagħmir tal-gvern;

(h) serq, approprjazzjoni jew użu ħażin ta' oġġetti li huma proprjetà ta' uffiċjali pubbliċi oħra jew ta' membri tal-pubbliku fuq il-post tax-xogħol;

(i) tbagħbis jew użu ħażin ta' karti u *records* dwar l-attendenza, jew xi tagħmir użat biex tiġi rreġistrata l-attendenza;

(j) falsifikazzjoni, użu ħażin jew tbagħbis ta' dokumenti u informazzjoni uffiċjali;

(k) żvelar ta' informazzjoni sigrieta jew kunfidenzjali;

(l) aġir li x'aktarx iġib telf ta' reputazzjoni għad-dipartiment jew jagħti reputazzjoni ħażina lis-servizz pubbliku;

(m) kull reat kriminali mwettaq minn uffiċjal fuq il-post tax-xogħol tiegħu jew waqt il-qadi ta' dmirijietu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' dawn ir-regolamenti.

*Imġiba bla rispett*

1.2 Uffiċjal pubbliku jkun soġġett għal proċedimenti dixxiplinari għal imġiba bla rispett lejn kollegi, uffiċjali superjuri jew il-pubbliku u, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal qabel, din l-imġiba għandha tinkludi:

(a) arroganza lejn, u żebliħ ta', kollegi, superjuri, uffiċjali pubbliċi oħra u l-pubbliku;

(b) imġiba vjolenti, ta' theddida jew intimidatorja lejn kollegi, uffiċjali superjuri jew il-pubbliku;

(ċ) ġlied jew ikkawżar ta' storbju fuq il-post tax-xogħol;

(d) l-użu ta' kliem ħażin jew offensiv;

(e) fastidju sesswali; jew

(f) vittimizzazzjoni ta' xhud jew ta' uffiċjal jew xi persuna oħra li tagħmel rapport jew li tkun qed taqdi dmirijietha skont dawn ir-regolamenti jew kull regolament maħruġ skont l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni.

*Negliġenza jew traskuraġni fit-twettieq ta' dmirijiet*

1.3 Uffiċjal pubbliku jkun soġġett għal proċedimenti dixxiplinari għal negliġenza jew traskuraġni fit-twettieq ta' dmirijiet u, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal qabel, din l-imġiba għandha tinkludi:

(a) attendenza abitwalment tard;

(b) assenza mhux awtorizzata minn fuq il-post tax-xogħol;

(ċ) tnikkir fuq il-post tax-xogħol;

(d) meta wieħed jagħmel ta' bir-ruħu inkapaċi jew marid sabiex jevita x-xogħol;

(e) negliġenza fit-twettieq tal-prestazzjoni tad-dmirijiet jew xogħol ta' kafkaf jew difettuż jew produzzjoni ta' xogħol taħt l-*istandards*;

(f) ħabi ta' xogħol difettuż;

(g) nuqqas ta' osservanza ta' xi ordni, direttiva jew istruzzjoni legali u raġjonevoli, kemm jekk bil-miktub jew bil-fomm, li tingħata minn uffiċjal superjuri jew awtorità;

(h) nuqqas ta' twettieq ta' funzjonijiet ta' sorveljanza xierqa;

(i) nuqqas ta' osservanza ta' xi dispożizzjoni ta' xi liġi, regola,

regolament, direttiva, kodiċi jew strument ieħor li jirregolaw is-servizz pubbliku, id-dipartiment tal-uffiċjal, l-aġir ta' uffiċjali tad-dipartiment, jew it-twettieq tax-xogħol tal-gvern;

(j) kull att jew omissjoni oħra li jitqiesu permezz ta' xi dispożizzoni ta' xi liġi, regola, regolament, direttiva, kodiċi jew strument ieħor kif intqal qabel, li jikkostitwixxu imġiba ħażina, aġir ħażin, ksur ta', jew reat kontra, id-dixxiplina, jew xi frażi oħra li jkollha tifsira bħalha.

2. ***Kif jiġu kkategorizzati r-Reati***

2.1 Bla ħsara għall-paragrafu 3.1 ta' din l-Iskeda, il-Kap ta' Dipartiment jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiddeċiedi, waqt li jkun qed jieħu azzjoni dixxiplinarja kontra uffiċjal pubbliku skont dawn ir-regolamenti, jekk l-akkuża jew l-akkużi jikkostitwixxu reat żgħir jew gravi jew reat li jwassal għal tkeċċija meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi madwar ir-reat allegat u l-konsegwenzi fattwali u potenzjali tar-reat.

2.2 Meta dispożizzjoni ta' xi liġi, regola, regolament, direttiva, kodiċi, jew strument li jirregolaw is-servizz pubbliku, id-dipartiment tal-uffiċjal, l-imġiba ta' uffiċjali tad-dipartiment, jew it-twettieq tax-xogħol tal-gvern jistipulaw li kull att jew omissjoni hemm speċifikati għandhom jitqiesu bħala reat dixxiplinarju gravi, dak l-att jew dik l-omissjoni għandhom hekk jitqiesu mill-Kap ta' Dipartiment għall-finijiet tal-paragrafu 2.1 ta' din l-Iskeda.

3. ***Pieni għal Każijiet Żgħar***

3.1 Il-pieni li jistgħu jingħataw wara li tittieħed azzjoni dixxiplinarja skont dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjin:

(a) Għall-Ewwel Każ Dixxiplinarju - Twiddiba bil-miktub

(b) Għat-Tieni Każ Dixxiplinarju - Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv sa ħamest (5) ijiem tax-xogħol

(ċ) Għat-Tielet Każ Dixxiplinarju - Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv sa għaxart (10) ijiem tax-xogħol u "Twissija ta' Tkeċċija" li tibqa' valida għal sentejn

(d) Għar-Raba' Każ Dixxiplinarju - Tkeċċija.

3.2 Sabiex jiġi stabbilit jekk l-akkuża dixxiplinarja tkunx l-ewwel, it-tieni, it-tielet jew ir-raba' każ żgħir, m'għandhomx jitqiesu reati li jkunu saru qabel erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data tar-reat li jkun qed jiġi investigat.

3.3 Uffiċjal li jikkommetti reat dixxiplinarju żgħir jista' jiġi mkeċċi biss jekk ir-reat jitwettaq waqt li jkun taħt twissija ta' tkeċċija li toħroġ minn każ żgħir preċedenti, ukoll jekk dan ma jkunx ir-raba' każ żgħir:

Iżda twiddiba bil-miktub tiskadi wara tnax-il (12) xahar mid-data li tinħareġ, jekk ma jsir l-ebda reat ieħor f'dak iż-żmien.

3.4 L-applikazzjoni tal-pieni taħt dan il-paragrafu tkun soġġetta għad-diskrezzjoni tal-Kap ta' Dipartiment jew tal-Kummissjoni skont ir-regolamenti 23(1) u (2) u 25, kif ikun applikabbli.

4. *Pieni għal Reati Gravi (inklużi kundanni f'każ kriminali)*

4.1 (a) Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv għal żmien ta' mhux iżjed minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol, jew

(b) Żamma ta' żieda fil-paga għal żmien ta' mhux inqas minn sena u mhux iżjed minn tliet (3) snin, jew

(ċ) Sospensjoni bla paga għal żmien definittiv għal żmien ta' mhux iżjed minn ħmistax-il (15) ġurnata tax-xogħol u "Twissija ta' Tkeċċija" li tibqa' valida għal erba' (4) snin, jew

(d) Tkeċċija.

4.2 Il-pieni fil-paragrafu 4.1(a) u (ċ) ma jistgħux jingħataw għal iktar minn żewġ każi dixxiplinari gravi.

4.3 Uffiċjal li jiġi akkużat b'reat dixxiplinarju gravi waqt li jkun taħt twissija ta' tkeċċija għandu, bħala riżultat ta' dan, jitkeċċa, irrispettivament jekk it-twissija ta' tkeċċija kienet ġiet imposta wara każ żgħir jew gravi jew wara proċedimenti taħt ir-regolament 15.

4.4 L-applikazzjoni tal-pieni taħt dan il-paragrafu tkun soġġetta għad-diskrezzjoni tal-Kap ta' Dipartiment jew tal-Kummissjoni skont ir-regolamenti 23(1) u (2) u 25, kif ikun applikabbli.

Fil-każ ta' uffiċjal li jkun ġie sospiż għal finijiet ta' prekawzjoni, għandhom japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet tar-regolament 12(6).

5. *Pieni imposti fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni*

5.1 Bħala alternattiva għal tkeċċija, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda l-iżgradar tal-uffiċjal akkużat għal grad jew kariga aktar 'l isfel.

5.2 Fil-każ ta' uffiċjal pubbliku li jinstab ħati ta' reat kriminali f'xi qorti, il-Kummissjoni tista', fejn ikun xieraq, fid-diskrezzjoni tagħha tirrakkomanda lill-Prim Ministru pieni oħra b'żieda ma' jew minflok dawk stabbiliti f'din l-Iskeda.

5.3 Kull meta uffiċjal jinstab ħati ta' reat li hu kkunsidrat bħala wieħed ta' natura gravi, taħt il-paragrafu 1.1(b), u l-Kap ta' Dipartiment jidhirlu li jkun fl-aħjar interess tal-uffiċjal li jingħata l-opportunità li jirrijabilita ruħu,

preferibbilment permezz ta' entità stabbilita mill-Gvern biex tassisti uffiċjali pubbliċi li jkollhom problemi personali, emozzjonali jew ta' imġiba, hu għandu jiddeċiedi dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li għandha tingħata iżda għandu jonqos milli jinforma lill-uffiċjal dwar dan u għandu jirreferi l-każ lill-Kummissjoni waqt li jispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ u jagħmel rakkomandazzjoni dwar ir-raġuni li għaliha, fl-opinjoni tiegħu, l-uffiċjal ikun jista' jibbenefika aktar jekk jingħata appoġġ professjonali.

Wara li tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kap ta' Dipartiment, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar jekk għandhiex tilqa' r-rakkomandazzjoni, u jekk tagħmel hekk, għandha tinforma lill-Kap ta' Dipartiment li jekk l-uffiċjal jaqbel li joqgħod għal appoġġ professjonali preferibbilment permezz ta' entità stabbilita mill-Gvern biex tassisti uffiċjali pubbliċi li jkollhom problemi personali, emozzjonali jew ta' imġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, il-pieni għandha tinżamm pendenti. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jinforma lill-uffiċjal ikkonċernat dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u għandu jipproċedi skont hekk. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jiġi infurmat dwar il-progress magħmul mill-uffiċjal, u għal dan il-għan, għandu jsir rapport mill-entità kkonċernata.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel għandhom japplikaw ukoll għal każijiet fejn l-uffiċjal ikun ġie infurmat li l-akkużi, jekk issir prova dwarhom, jistgħu jwasslu għat-tkeċċija tiegħu. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tipproċedi skont ir-regolament 23(2)(ċ). Jekk il-Kummissjoni jidhrilha li jkun fl-aħjar interess tal-uffiċjal li jingħata l-opportunità li jirrijabilita ruħu, preferibbilment permezz ta' entità stabbilita mill-Gvern biex tassisti uffiċjali pubbliċi li jkollhom problemi personali, emozzjonali jew ta' imġiba, u l-uffiċjal jaqbel li joqgħod għal appoġġ professjonali fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-piena, jekk ikun il-każ, li għandha tingħata iżda għandha tonqos milli tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru skont ir-regolament 23(2)(d). Kull meta l-uffiċjal ikun ġie sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni tista' tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru biex titwaqqaf is-sospensjoni prekawzjonarja, mingħajr preġudizzju għat-telf tas-salarju li kien inżamm waqt il-perjodu ta' sospensjoni prekawzjonarja. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata dwar il-progress magħmul mill-uffiċjal, u għal dan il-għan, għandu jsir rapport mill-entità kkonċernata.

Fiż-żewġ każijiet, jekk l-uffiċjal hu lest li joqgħod għal appoġġ professjonali u jsegwi l-programm ta' rijabilitazzjoni rakkomandat, kull piena li tkun ġiet deċiża mill-Kap ta' Dipartiment jew mill-Kummissjoni għandha tinżamm pendenti sa meta jintemm b'suċċess il-programm ta' rijabilitazzjoni. Il-Kummissjoni għandha imbagħad tiddeċiedi dwar jekk il-piena tingħatax effett jew le.

Jekk uffiċjal jirrifjuta li joqgħod għal appoġġ professjonali, jew ma jtemmx b'suċċess il-programm ta' rijabilitazzjoni, għandha tiġi imposta l-piena li kienet ġiet oriġinarjament deċiża mill-Kap ta' Dipartiment jew mill-Kummissjoni, skont kif ikun il-każ.